

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Leġiżlazzjoni U Każistika](#) > [Każistika Nazzjonali](#) > [Estonia](#)

## Każistika nazzjonali

Il-kontenut ipprovdut minn  
Estonja

Estonja



Din it-taqsimha tagħti ħarsa ġenerali lejn il-ġurisprudenza Estonjana u deskrizzjoni tal-bażijiet tad-data tal-ġurisprudenza rilevanti.

### Ġurisprudenza fuq l-Internet

Il-ġurisprudenza tal-qorti tal-ewwel istanza u tat-tieni istanza ilha disponibbli fuq l-internet mill-2001. Il-ġurisprudenza tal-Qorti Suprema ilha disponibbli minn meta s-sistema tal-qorti ġiet organizzata mill-ġdid fl-1993 u hija ppubblikata fl-edizzjoni elettronika ta' *Riigi Teataja* (il-Gazzetta tal-Istat Estonjan) u fis-sit web tal-Qorti Suprema. Il-ġurisprudenza tal-qorti tal-prim'istanza u tat-tieni istanza hija disponibbli fl-edizzjoni elettronika ta' *Riigi Teataja*.

L-obbligu biex il-ġurisprudenza tkun disponibbli huwa stabbilit fl-Att dwar l-Informazzjoni Pubblika, b'regoli aktar speċifiċi mogħtija fid-diversi kodiċijiet ta' proċedura tal-qorti. Ġeneralment is-sentenzi finali kollha jkunu ppubblikati. L-eżenzjonijiet huma previsti fi proċedimenti tal-qorti ċivili jew amministrattivi, fejn il-qorti ma jiddivulgawx fis-sentenzi tagħhom, jew b'inizjattiva tagħhom stess jew fuq talba tal-individwu ikkonċernat, isem l-individwu (billi jibdluh bl-inizjali jew karattri oħrajn), in-numru ta' identifikazzjoni personali, id-data tat-twelid, in-numru ta' reġistrazzjoni jew l-indirizz tiegħu. Il-qorti, fi proċedimenti tal-qorti ċivili jew amministrattiva, jistgħu jiddeċiedu wkoll, jew b'inizjattiva tagħhom stess jew fuq talba tal-individwu ikkonċernat, li jipubblikaw biss il-parti operattiva ta' sentenza li tinkludi *data* personali sensittiva jew li ma jipubblikawha xejn, jekk il-bdil tal-isem tal-individwu bl-inizjali jew karattri oħra jista' jippreġudika l-privatezza tiegħu jew tagħha. Il-qorti jistgħu jipubblikaw biss il-parti operattiva ta' sentenza jekk is-sentenza tinkludi informazzjoni suġġetta legalment għal xi restrizzjoni ta' aċċess oħra.

Is-sentenzi finalizzati fi proċedimenti kriminali jiġu ppubblikati kollha, iżda d-dettalji personali tal-imputat biss (isem u kodiċi ta' identifikazzjoni personali jew data tad-twelid) isiru pubbliċi. Bħala regola ġenerali, id-dettalji personali ta' imputati taħt l-età ma jiġux divulgati (l-isem u l-kodiċi ta' identifikazzjoni personali jew id-data tat-twelid ikunu sostitwiti b'inizjali jew karattri oħra). Fuq talba ta' individwu jew b'inizjattiva tagħhom stess, il-qorti jistgħu, fi proċedimenti kriminali, jipubblikaw biss l-introduzzjoni u l-parti operattiva jew il-parti finali ta' sentenza mogħtija, jekk is-sentenza tinkludi *data* personali sensittiva. L-istess japplika jekk is-sentenza tinkludi *data* personali suġġetta legalment għal restrizzjoni ta' aċċess oħra u tippermetti li l-individwu ikkonċernat jiġi identifikat, minkejja l-fatt li l-ismijiet u d-dettalji personali l-oħra jkunu tbiddu b'inizjali jew karattri oħra.

Il-pubblikazzjoni tal-ġurisprudenza titqies parti mill-amministrazzjoni tal-ġustizzja u l-pubblikazzjoni ta' *data* speċifika tista' tiġi kkontestata. Il-qorti għandhom għalhekk jikkunsidraw kif għandhom jiġu ppubblikati s-sentenzi.

### Preżentazzjoni tas-sentenzi u titoli

	Il-Qorti Suprema	Qorti oħra
Il-ġurisprudenza hija ppreżentata bit-titoli?	Iva	Le
Il-ġurisprudenza tal-Qorti Suprema tinsab fuq <i>Riigi Teataja</i> u fis-sit tal-Qorti Suprema skont is-sena, it-tip ta' kawża, in-numru tal-kawża, id-data tas-sentenza, il-kompożizzjoni tal-qorti, it-tip ta' proċediment, it-tip ta' reat, l-		

annotazzjoni u l-kontenut. Fuq is-sit tal-Qorti Suprema huwa possibbli li wieħed jagħmel tiftixa għall-ġurisprudenza permezz ta' kelma ewlenija.

Is-sentenzi tal-qrati tal-ewwel istanza u tat-tieni istanza jistgħu jiġu mfittxa bit-tip adatt ta' proċedura u, skont it-tip ta' proċedura, il-każijiet jistgħu wkoll jiġu mfittxa bl-użu ta' firxa ta' kriterji. F'kull tip ta' proċeduri, is-sentenzi jistgħu jiġu mfittxa skont in-numru tal-każ u tal-ECLI, l-awla tal-qorti, it-tip ta' proċedura, it-tip u d-data tas-sentenza, id-data tal-ftuħ tal-proċedimenti, annotazzjoni u l-kontenut. F'kawżi kriminali, is-sentenzi jistgħu wkoll jiġu mfittxa bin-numru tal-proċedimenti ta' qabel il-proċess, il-kategorija tal-kawża u riżoluzzjoni, it-tip ta' proċedura, it-tip ta' allegazzjoni u ta' sentenza jew, pereżempju, bir-raġunijiet għal-liberazzjoni. Is-sentenzi fil-kawżi ċivili u amministrattivi jistgħu wkoll jiġu mfittxa skont il-kategorija u t-tip tal-kawża, it-tip ta' proċedura u riżoluzzjoni tal-kawża.

## Eżempju tat-titolu

Rieżami kostituzzjonali tat-tieni sentenza tal-Artikolu 7<sup>1</sup>(2) tal-Att dwar l-Avjazzjoni.

## Formati

	Il-Qorti Suprema		Qrati oħra	
	Dokument	<i>Metadata</i>	Dokument	<i>Metadata</i>
Il-ġurisprudenza hija disponibbli fil-format XML?	Le	Le	Le	Le
X'formati oħra jintużaw?	HTML	HTML	PDF	HTML

## Proċedimenti ulterjuri

	Il-Qorti Suprema	Qrati oħra
Hemm informazzjoni disponibbli dwar:		
appelli?	-	Le
jekk każ għadux pendenti?	Iva	Le
ir-riżultat tal-appell?	-	Iva
dwar l-irrevokabbiltà tas-sentenza?	Iva	Iva
dwar jekk kienx hemm proċedimenti ulterjuri quddiem:	Le	Le
qorti nazzjonali oħra (eż. il-Qorti Kostituzzjonali)	Le	Le
il-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea?	Le	Le
il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem?	Le	Le

## Regoli tal-pubblikazzjoni

	Fil-livell nazzjonali	Fil-livell tal-qorti
Jeżistu regoli vinkolanti għall-pubblikazzjoni tal-ġurisprudenza?	Iva	-
Ir-regoli dwar il-pubblikazzjoni tal-ġurisprudenza huma stabbiliti fil-kodiċi tal-proċedura rilevanti. Ir-regoli li jikkonċernaw il-proċedura kriminali huma differenti minn dawk li jikkonċernaw il-proċedura ċivili.		

	Il-Qorti Suprema	Qrati oħrajn
Qed tiġi ppubblikata l-ġurisprudenza kollha jew partijiet minnha biss?	Partijiet minnha biss.	Partijiet minnha biss.

Liema kriterji qed jintużaw biex issir l-għażla?

L-għażla ssir abbażi ta' dan li ġej:  
1) is-sentenza trid tkun daħlet fis-seħħ;  
2) is-sentenza tista' tiġi ppubblikata jekk:  
a) (f'kawżi ċivili u amministrattivi) jekk ma tkun tinkludi l-ebda *data* personali sensittiva; is-sentenza tiġi ppubblikata b'ismijiet mibdula bl-inizjali jew karattri oħrajn u b'tali mod li ma tippreġudikax il-privatezza tal-individwu ikkonċernat; is-sentenza ma tkun tinkludi l-ebda informazzjoni suġġetta legalment għal xi restrizzjoni ta' aċċess oħra;  
b) (f'kawżi kriminali) ma tkun tinkludi l-ebda *data* personali sensittiva jew *data* personali suġġetta legalment għal xi restrizzjoni ta' aċċess oħra, jew jekk l-ismijiet u d-dettalji personali l-oħrajn jiġu mibdula fis-sentenza bl-inizjali jew b'karattri oħrajn, b'tali mod li l-individwu kkonċernat ma jkunx jista' jiġi identifikat; is-sentenza ma tkun tinkludi l-ebda informazzjoni suġġetta legalment għal xi restrizzjoni ta' aċċess oħra.

L-għażla hija magħmula abbażi ta' dan li ġej:  
1) is-sentenza trid tkun daħlet fis-seħħ;  
2) is-sentenza tista' tiġi ppubblikata jekk:  
a) (f'kawżi ċivili u amministrattivi) jekk ma tkun tinkludi l-ebda *data* personali sensittiva; is-sentenza tiġi ppubblikata b'ismijiet mibdula bl-inizjali jew karattri oħrajn u b'tali mod li ma tippreġudikax il-privatezza tal-individwu ikkonċernat; is-sentenza ma tkun tinkludi l-ebda informazzjoni suġġetta legalment għal xi restrizzjoni ta' aċċess oħra;  
b) (f'kawżi kriminali) ma tkun tinkludi l-ebda *data* personali sensittiva jew *data* personali suġġetta legalment għal xi restrizzjoni ta' aċċess oħra, jew jekk l-ismijiet u d-dettalji personali l-oħrajn jiġu mibdula fis-sentenza bl-inizjali jew b'karattri oħrajn, b'tali mod li l-individwu kkonċernat ma jkunx jista' jiġi identifikat; is-sentenza ma tkun tinkludi l-ebda informazzjoni suġġetta legalment għal xi restrizzjoni ta' aċċess oħra.

## Bażijiet tad-*data* legali

### Isem u URL tal-bażi tad-*data*

Il-ġurisprudenza ppubblikata tal-Qorti Suprema tinstab fis-sit tal-[Qorti Suprema](#) u f'[Riigi Teatja](#).

Il-ġurisprudenza tal-qrati tal-ewwel istanza u tat-tieni istanza li daħlet fis-seħħ u ġiet ippubblikata tinstab billi [tfitx](#) il-ġurisprudenza f'[Riigi Teatja](#).

It-talbiet mill-qrati Estonjani lill-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea għal deċiżjoni preliminari jistgħu jiġu aċċessati mis-[sit](#) tal-Qorti Suprema. Hawnhekk għandek tara isem il-qorti li titlob deċiżjoni preliminari, id-*data* tal-preżentata u deskrizzjoni tal-kontenut tat-talba, u n-numri tal-kawża Estonjani u tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja.

Sommarji tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jinsabu f'[Riigi Teatja](#).

Is-[sit](#) tal-Qrati jagħti statistiki dwar proċedimenti fil-qrati tal-ewwel istanza u tat-tieni istanza mill-1996 'il quddiem. Statistiki tal-Qorti Suprema jinsabu fis-[sit](#) tal-Qorti Suprema. L-istatistika dwar ir-reviżjoni kostituzzjonali ilha disponibbli mill-1993, filwaqt li l-istatistika dwar każijiet amministrattivi, ċivili u kriminali u reati minuri ilha disponibbli mill-2002.

Is-[sit](#) tal-Qorti Suprema jagħti wkoll analiżi tal-ġurisprudenza tas-suġġetti magħżula mill-2006 'il quddiem.

### Irid isir xi f'ħlas biex jingħata aċċess għall-bażi tad-*data*?

Le, l-aċċess għall-bażi tad-*data* huwa bla f'ħlas.

L-aħħar aġġornament: 12/02/2021

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.